# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 34**

22 ta' Ġunju 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fis-2:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**M I N U T I**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

## 34.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

34.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 34.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

34.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tlieta u tletin (33) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

34.2.1.1. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (VB, JAE, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AGS)

34.2.1.2. Il-Kunsillier AGS iddikjara li r-raġuni għalfejn kien qed jastjeni mill-minuti kienet minħabba li ma kienx preżenti għall-aħħar laqgħa li nżammet.

34.2.2. Il-Viċi Sindku VB saqsa għalfejn ma kienitx qegħda tattendi l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ. Is-Sindku DSH qalet li s-Sinjorina Michaela Farrugia kienet għalqet it-tmintax-il sena u għalhekk il-Kunsill kien qed jistenna li jinħatar rappreżentant ieħor tal-vot sittax.

34.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 33.2.2 rigward il-proġett ta' Taħt il-Forka. Is-Sindku DSH qalet li issa li kien inħatar ministru ġdid, il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jikkomunika mal-ministeru ikkonċernat sabiex jitlob laqgħa.

34.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 33.2.3 rigward il-proposta għal Jubilee Grove u talab li jiġi pprovdut b'kopja tal-ittra li ntbagħtet lil Ministru Jose Herrera. Il-Kunsillier JAE ippropona li tinżamm laqgħa malajr kemm jista' jkun.

## 34.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

### 34.3.1. DOG PARK

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet ġiet informata li l-art proposta għad-dog park kienet tappartjeni lill-Gvern Centrali u għalhekk la ma kienx hemm problemi, il-Kunsill seta' jipproċedi.

### 34.3.2. KABARE ORIĠINALI – BALZUNETTA TOWERS

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet ikkomunikat mad-direttur tal-kabare u talbet li l-biljetti għall-anzjani jkunu offruti bi prezz ridott. Is-Sindku DSH qalet li għalkemm sa dakinhar ma kienx hemm konferma, jidher li kien hemm interess kbir dwar din il-play mir-residenti tal-lokalita. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill li kien ħa ħsieb jagħmel reklamar għal din il-play kif ukoll tella' xi posters fuq il-paġna tal-Kunsill.

**34.4 RAPPORTI**

34.4.1. **LAQGĦA MA' SONS OF ARCHERY**

Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill li kien iltaqa' ma' Sons of Archery u kienet ġiet diskussa żona f'Jubilee Grove li kienet ta' interess għalihom.

Il-Kunsillier qal li huma kienu offrew li jnaddfu z-zona b'ringrazzjament għall-għajnuna tal-Kunsill. Huwa żied jgħid ukoll li kienu offrew li jintramaw nets madwar is-swar sabiex ma ssirx ħsara meta jkunu qed jipprattikaw.

Il-Kunsillier JAE qal ukoll li l-parti proposta ma kienitx ta' periklu għal min jiffrekwenta ż-żona. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fil-prinċipju u għalhekk qabel li għandu jitlobhom *siteplan* taż-żona proposta sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkomunika mal-entitajiet ikkonċernati ħalli jinġieb il-permess neċessarju.

Il-Kunsillier JAE qal li kienu ressqu talba sabiex tittella' kamra temporanja tal-injam sabiex tintuża bħala storage. Il-Kunsill qal li wieħed irid jivverifika mal-Planning Authority dwar l-idea ta' bini.

**34.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

34.5.1. Il-Kunsillier AGS saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-każ kontra s-Sur Justin Attard. Is-SE qalet li s'issa ma kienx għad hemm żviluppi iżda assigurat li l-mandat ta' sekwestru kien effettiv.

34.5.2. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja diskussa riċentement fuq il-media lokali dwar il-qbid tal-ħamiem. Is-Sindku qalet li wara din id-diskussjoni, is-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali u s-Segretarju Parlamentari tal-Animal Welfare kienu offrew l-għajnuna tagħhom lill-kunsilli lokali li għandhom il-problema tal-ħamiem. Għalhekk is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jikkomunika mas-Segretarji Parlamentari sabiex jara l-għajnuna li qed tiġi offruta. Il-Kunsill qabel.

34.5.3. Il-Kunsillier JAE saqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward xi fondi li jistgħu jintalbu biex jintużaw fuq il-bandli tal-lokalita. Is-SE wiegbet li hi kienet għadha fuq sick leave iżda appena tirritorna lura fl-uffiċċju, ser tieħu ħsieb taħdem fuq dawn il-fondi mill-ewwel. Hija qalet ukoll li kienu diġà ntalbu kwotazzjonijiet għall-bandla li tista' tintuża' mill-persuni b'diżabilità hekk kif diskuss fl-aħħar laqgħa.

34.5.4. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li r-Regjun Xlokk kien qed jaħdem fuq proġett għal ċentru / day centre li jintuża minnu u mil-lokalitajiet li jaqgħu taħt dan ir-Regjun. Hija qalet li tali ċentru kien ser jintuża biex jinżammu lezzjonijiet, korsijiet, eċċ.

34.5.5. Il-Viċi Sindku VB saqsa jekk il-Kunsill kienx iltaqa' mal-Klabb tal-Boċċi. Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet magħhom u għandhom jipproponu data għal laqgħa l-ġimgħa ta' wara.

**34.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

34.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

**34.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

34.7.1. Is-Sindku DSH ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 28/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

34.7.1.1. Il-Kunsillier JAE qal li kien ser jastjeni mill-pagament dovut lis-Sur Steve Zammit Lupi.

34.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

34.7.1.3. Is-Sindku DSH qalet li minħabba c-ċirkostanzi, kienet qed tipproponi li l-kuntrattur Daniel Attard jithallas fil-bidu ta' Lulju għas-servizz ta' żamma tal-ġonna u l-ftuħ tal-latrina pubblika matul ix-xahar ta' Ġunju, bil-kundizzjoni li s-servizz mogħti jkun wieħed sodisfaċenti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li japprova li l-pagament jinħareġ fil-bidu ta' Lulju.

**Nota: 14:20 Il-Kunsillier AD attenda għal-laqgħa.**

## 34.8 MOZZJONIJIET;

34.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 34.9 OFFERTI PUBBLIĊI;

34.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-offerta' pubblika tat-tindif tat-toroq u qalet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna konferma mingħand is-Sur Ramon Deguara dwar jekk hux ser ikun qed iservi bħala espert fuq il-Bord tal-Evalwazzjoni ta' din l-offerta'. Is-Sindku DSH qalet li ser tinforma lill-Kunsill appena jkollha risposta.

34.9.2. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-espressjoni t'interess rigward il-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qalet li dakinhar filgħodu kienet inzammet seduta rigward l-oġġezzjoni tal-offerent. Hija qalet li l-Bord tal-Governanza għandu jinforma lill-Kunsill bid-deċiżjoni tiegħu fil-jiem li ġejjin.

34.9.3. Is-SE informat lill-Kunsill li l-*photocopier* li tintuża fl-uffiċċju tal-Kunsill kienet inkisret u t-tiswija kienet ser tiġi tiswa' madwar €550. Hija qalet li s-sena ta' qabel diġà kienet saritilha tiswija u ntefqet spiża simili u għalhekk ipproponiet li l-Kunsill jikkunsidra l-possibbiltà ta' servizz ta' leasing. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu joħroġ sejħa għall-offerti f'dan ir-rigward.

## 34.10 KORRISPONDENZA

### 34.10.1. QUDDIESA FIL-KGV

Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet avviċinata mill-Arċipriet tal-lokalita' sabiex tiġi ċċelebrata quddiesa fil-KGV. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 34.10.2. TALBA MINGĦAND IS-SUR DANIEL ATTARD – KIOSK FIL-KGV

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Daniel Attard fejn offra li jarma mobile kiosk fil-KGV sakemm tiġi mogħtija l-offerta tal-gabbana lil xi wieħed mill-offerenti. Huwa qal li kien qed joffri s-somma ta' €200 fix-xahar kif ukoll li jieħu ħsieb it-toilets tal-bandli mingħajr ħlas matul il-perjodu li jkun qed jarma il-kiosk.

Is-Sindku DSH qalet li matul is-Sajf il-Kunsill xorta waħda jinkorri l-ispiża ta' attendant matul il-ħinijiet ta' filgħaxija u għalhekk kien ser ikun qed jiffranka din l-ispiża jekk il-Kunsill jilqa' din l-offerta.

Il-Kunsillier AGS saqsa jekk tali deċiżjoni kienitx ser toħloq problemi in kwantu tal-oġġezzjoni fir-rigward tal-għoti tal-offerta. Is-Sindku DSH qalet li din l-art kienet devoluta lill-Kunsill u għalhekk il-Kunsill ma kien ser ikun qiegħed jikser l-ebda liġi b'din id-deċiżjoni.

Għalhekk il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba tas-Sur Daniel Attard sakemm ikun hemm deċiżjoni mil-Bord tal-Governanza. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sur Attard jingħata permess jarma mwejjed u siġġijiet matul dan il-perjodu bil-kundizzjoni li ma jiġux ostakolati l-passaġġi u li l-post jinżamm fi stat nadif.

34.10.3. **Ġemellaġġ ma' villaġġ fi Franza**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Cultural Diplomacy Unit rigward opportunita' ta' ġemellaġġ ma' villaġġ fi Franza. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx li jilqa' din il-proposta minħabba li ma jhossx li għandu x'joffri f'dan il-ġemellaġġ.

34.10.4. **Attività organizzata mill-Bicycle Club**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Bicycle Club fejn stiednu lill-Kunsill jipparteċipa f'dawra bir-rota nhar it-30 ta' Ġunju 2017. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li dakinhar mhux ser ikun possibbli għall-kunsillieri li jattendu u qabel li għandu jirringrazzjahom tal-opportunita.

34.10.5. **Ħatra ta deputat segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talbu lill-Kunsill biex jerġa' jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv peress li kien ser jiskadi il-perjodu ta' disgħin jum. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jinnomina lis-Sra Emmanie Borg Bonaci.

34.10.6. **Korrispondenza mingħand Allied Health Professional**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Allied Health Professional fejn offrew lill-Kunsill servizz volontarju għal għajnuna bħal ġardinaġġ, eċċ. Is-SE qalet li l-ġonna kienu qed jieħdu ħsiebhom il-kuntratturi u għalhekk ma tħossx li għalissa kien hemm xogħol għalihom. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom b'dan u li ser iżomm din l-offerta' f'moħħu f'każ li jkun hemm bżonn ta' għajnuna fil-futur.

34.10.7. **Korrispondenza mingħand il-Maltese Olympic Committee**

Is-Sindku DSH qalet li l-Maltese Olympic Committee kienu qed jinformaw lill-Kunsill li l-Queen Baton kien ser ikun f'Malta f'Settembru u offra lill-Kunsill l-opportunita' li jorganizza xi attività matul dawn il-ġranet. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Fosos kien ser ikun qed jiġi użat għall-attivitajiet tal-Indipendenza. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' dan il-kumitat sabiex ikun jista' jiddiskuti l-alternattivi.

34.10.8. **Un/loading bay fi Triq il-Miratur**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza rigward talba għal un/loading bay fi Triq il-Miratur sabiex tintuża mill-furnar li hemm fi Triq San Franġisk. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li tali talba kienet skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

34.10.9. **Konferenza konġunta mal-Kunsill Lokali Naxxar u l-Kunsill Lokali Mosta**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-konferenza approvata mill-Kunsill li kienet ser tinżamm b'mod konġunt mal-Kunsill Lokali Naxxar u mal-Kunsill Lokali Mosta. Is-Sindku qalet li kienu ntbagħtu templates tal-inviti sabiex ikunu jistgħu jinħargu l-inviti. Il-Kunsill qabel li għandu jtella' dawn l-inviti fuq il-website tal-Kunsill kif ukoll jibgħat inviti lill-għaqdiet lokali, lill-Pulizija, lin-negozji, eċċ.

Is-Sindku DSH qalet li l-ispiża kienet ser tinqasam fuq it-tliet kunsilli lokali u tali konferenza kienet ser tinżamm taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta.

34.10.10. **Sports Night**

Is-Sindku DSH ressqet offerta mingħand il-Floriana Ajax sabiex tinżamm attività ta' Sports Night b'mod konġunt. Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza din l-attività b'mod konġunt bil-kundizzjonijiet tas-soltu u bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450.

34.10.11. **Korrispondenza mingħand l-Assocjazzjoni Publju ta' Malta**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bil-korrispondenza mibgħuta mill-Assocjazzjoni Publju ta' Malta fejn proponew diversi attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati. Il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti l-programm tal-attività magħhom. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex jintalbu kwotazzjonijiet għal kull servizz kif ukoll li jsir budget għall-attività. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li tinżamm laqgħa mal-għaqdiet tal-lokalita' lejn l-aħħar ta' Lulju.

34.10.12. **Esebizzjoni ta' ritratti matul Ġenna ta' Ġonna**

Il-Kunsillier JAE ippropona li tittella' esebizzjoni ta' ritratti tal-lokalita għal Ġenna ta' Ġonna. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat invit lil Maltese Institute of Photography kif ukoll lil Malta Photographic Society sabiex jipparteċipaw.

## 34.11 Website tal-Kunsill

34.11.1. Il-Kunsillier JAE informa li l-website tal-Kunsill kienet ġiet *launched* il-ġimgħa ta' qabel. Is-Sindku DSH qalet li l-website kienet sabiħa ħafna iżda pproponiet li l-Kunsill jitlob lid-designer sabiex jirranġa l-format tat-test.

34.11.2. Is-SE ipproponiet ukoll li l-paġni jkunu konsistenti fil-lingwa. Il-Kunsillier JAE qal li ser jieħu ħsieb jinforza dan iżda qal li jemmen li l-responsabbiltajiet għandhom jitħallew bil-Malti. Il-Kunsill qabel.

34.11.3. Il-Viċi Sindku VB qal li r-ritratt tal-Kunsill kellu bżonn jinbidel minħabba li hemm membri li m'għadhomx fil-Kunsill. Is-Sindku DSH qalet li għalkemm tifhem il-punt tal-Viċi Sindku, dak jibqa' r-ritratt uffiċċjali tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jieħu ritratt ieħor bil-membri preżenti jekk ikun hemm okkażjoni.

## 34.12 Isle of MTV

34.12.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet inzammet laqgħa mal-bars tal-lokal fejn kienu ġew issetiljati xi kwistjonijiet li kienu nqalgħu.

34.12.2. Is-Sindku qalet li kienet ġiet informatha li ċertu zoni li qabel kienu jingħalqu bil-mobile toilets, kienu ser jingħalqu bil-ħadid sabiex tiżdied is-sigurtà.

34.12.3. Il-Viċi Sindku VB qal li wħud mil-mobile toilets kienu ser jitpoġġew naqra iktar l' isfel. Huwa qal ukoll li kien insista li tali mobile toilets ikunu bid-dawl.

34.12.4. Is-Sindku DSH qalet li matul din l-edizzjoni, kien ser ikun hemm iktar preżenza tal-Pulizija u għalhekk temmen li l-organizzazzjoni għandha tkun aħjar.

34.12.5. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għat-tindif wara l-kunċert u qalet li dan kollu kien ser ikun kopert mill-organizzaturi u li t-tindif ser jibda' appena jispiċċa l-kunċert.

34.12.6. Il-Viċi Sindku VB saqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-proġett li għandu jsir fi Triq John Lopez u Triq l-Isqof Mauro Caruana. Is-Sindku DSH qalet li dakinhar stess kienet tkellmet mal-WSC u insistiet li tingħata risposta immedjatament minħabba li tali proġett kien ilu pendenti kważi sena. Hija qalet li l-Perit informatha li kellha ttiha risposta definittiva l-għada.

34.12.7. Il-Kunsillier AD qal li fil-jiem li ġejjin għandu jiltaqa' mas-Sur Roderick Zammit sabiex jiġi determinat liema dwal iridu jintfew għal matul il-kunċert. Is-Sindku DSH insistiet li d-dwal għandhom jerġgħu jinxteghlu normali l-għada tal-kunċert.

34.12.8. Is-Sindku DSH qalet li kienu ġew ordnati tnax-il gwardjan lokali sabiex jassistu matul il-kunċert. Hija qalet li tali spiża ser tinqasam bin-nofs mal-Malta Tourism Authority. Il-Kunsill qabel.

34.12.9. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-permessi tal-gabbani li joħroġ il-Kunsill għal matul il-kunċert u qalet li s'issa ma kienx għad hemm risposta mill-MTA. Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika immedjatament sabiex jingħata risposta mill-aktar fis.

## 34.13 FUNTANI KG5

34.13.1. Is-SE informat lill-Kunsill li l-ħamrija kienet ser tasal il-ġimgħa ta' wara u li x-xogħol kellu jinbeda appena jasal il-materjal neċessarju.

## 34.14 JOSEPH CALLEJA

34.14.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-kunċert ta' Joseph Calleja li ser jittella' dalwaqt u pproponiet li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-organizzaturi nhar it-13 ta' Lulju 2017 fis-2pm. Il-Kunsill qabel.

## 34.15 BOLLARD QUDDIEM RESIDENZA

34.15.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'talba sabiex titwaħħal bollard fuq bankina fin-naħa t'isfel ta' Triq l-Imħażen. Il-Kunsill qabel li jilqa' din it-talba u jieħu ħsieb iwaħħal din il-bollard.

34.15.2. Is-Sindku DSH ressqet talba sabiex tiġi installata mera fi Triq San Franġisk c/w Triq is-Suq. Il-Kunsill qabel.

34.15.3. Il-Kunsillier JAE ippropona li ssir żabra tas-siġar tal-palm fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil Transport Malta sabiex jieħdu ħsieb iż-żabra tagħhom.

**34.16 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

34.16.1. Il-laqgħa intemmet fl-3.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Lulju 2017 fis-2.00 pm.

**Konfermati illum 24 ta' Lulju 2017.**

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |